MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

**ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Numru.

George Elmer
vs
Tabib Principali tal-Gvern

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1987 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi r-rikorrent kien ilu jahdem mad-Dipartiment tas-Sahha gewwa St. Lukes ghal dawn l-ahhar sittax-il sena u bhalissa qieghed jokkupa l-grad ta' Supervisor fil-General Stores;
Illi r-rikorrent kien applika diversi drabi biex isir W.T.O. izda qatt ma kien inghata din il-promozzjoni.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib lix-xhieda murija fl-elenku biex isostni l-ilment tieghu u ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni ta’ W.T.O. li tkun b’effett mill-1985 jew data ohra li jidhirlu xieraq fic-cirkostanzi u/jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ kif jiddeciedi li hu xieraq dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi t-Tabib Principali tal-Gvern ma kienx legittimu kontradittur u ghalhekk kien gie mharrek inutilment stante illi s-sejha ghall-applikazzjoni tinhareg mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Il-Bord ta’ l-ghazla jinghazel mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Di piu` dawk maghzula jinghataw il-hatra taghhom mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Tali procedura hija insindikabbli ai termini ta’ l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.

Ghaldaqstant, l-intimat filwaqt li gab is-suespost a formali konjizzjoni tar-rikorrent George Elmer, talab lit-Tribunal joghgbu jichad bl-ispejjez it-talbiet kif dedotti fir-rikors fuq imsemmi stante li l-pretensjonjiet kien nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Meta xehed ir-rikorrent fl-20 ta' April 1999 hu kkonferma l-fatti kollha imsemmija fir-rikors izda xorta wahda esebixxa affidavit li jinsab a fol 15 u 16 tal-process. Fih semma li kien dahal fid-Dirghajn il-Maltin fl-1975 u sal-1981 hadem f'diversi Dipartimenti tal-Gvern fosthom l-Agrikoltura u x-Xogholijiet Pubblici, izda fl-ahhar xahar tal-1981 dahal jahdem mad-Dipartiment tas-Sahha u precizament fid-9 ta' Dicembru 1981. Kien gie moghti l-kariga ta' Supervisor ma' dan id-Dipartiment u ghadu jahdem dejjem id-Dipartiment tas-Sahha. Ilu jokkupa l-kariga ta' Supervisor ghal dawn l-ahhar 17-il sena u nofs.

Fl-1985 hu applika ghall-Acting Works Technical Officer. Hu kien jiehu hsieb ir-rassenja, ic-certifikati tas-sick u kien idur fuq il-haddiema. Kien ghamel interview pero` ma kienx gie maghzul. In segwitu fl-1987 kien applika ghall-kariga ta' Works Technical Officer ghac-Cimiterju ta' l-Addolorata. Semma li kien hemm min ha din il-kariga u l-anqas biss kien Supervisor. Semma lil Fredu Farrugia li kien Group D tax-Xogholijiet ta' l-Ilma u lahaq W.T.O.

Bejn l-1987 u l-1993 applika xi erba' darbiet ohra izda kull darba b'ezitu negattiv. Sostna li minhabba li ma hax din il-kariga ma hax iz-zieda fil-paga bejn Supervisor u W.T.O. Sostna li r-raguni ghala ma lahaqx kienet wahda ta' motivi politici.

Xehed Carmelo Aquilina Security Officer mad-Dipartiment tas-Sahha u jahdem St Luke's. Dan semma li lir-rikorrent jafu peress li kienu jahdmu flimkien ghal madwar disa' snin. Dan semma li jaf li r-rikorrent huwa bniedem li jzomm id-dixxiplina u li jaqdi dmiru kif suppost. Semma li r-rikorrent qatt ma tkellem fuq politika fuq il-post tax-xoghol, izda jaf il-kulur politiku tieghu peress li huwa gieli kien kandidat mal-partit laburista fl-elezzjonijiet generali.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi t-Tribunal bilfors hawnhekk ikollu jikkummenta fuq il-ftit provi li ngabu ossija ftit provi mir-rikorrent u xejn mill-intimat.
Jibda biex jidhol fuq l-eccezzjoni ta’ l-intimat bazata fuq il-fatt illi t-Tabib Principali mhux il-legittimu kontradittur stante li hija l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li taghti l-hatriet u precizament il-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u li tali procedura hija insindikabbli ai termini ta’ l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.

Issa t-Tribunal diga` ddecieda fuq dan il-punt fil-kawza John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha deciza fis-7 ta’ Mejju, 1998 u sejjer jikkwota parti minn din is-sentenza:

“Ghalhekk persuna aggravata li tkun sofriet ingustizzja matul il-perijodu preskritt skond l-artikolu 5 (4) ghandha d-dritt titlob ir-rimedju lit-Tribunal.  Fost il-kazijiet li jintitolaw persuna aggravata li titlob rimedju mit-Tribunal hemm dawk relattivi ghal hatriet u promozzjonijiet.  Meta wiehed jaqra l-artikolu 5 (2) bil-fors li jasal ghall-konkluzzjoni li l-azzjoni tista’ titmexxa kontra kull Dipartiment tal-Gvern jew awtorita’ ohra tal-Gvern.  L-artikolu 7 (9) (b) jghid li biex jasal ghad-decizzjoni jekk ilment ikunx gustifikat, it-Tribunal ghandu jqis il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet tal-Estacode.

Issa fl-Att VIII tal-1997 imkien ma insibu li impjegat governattiv li jsofri ingustizzja dwar hatra jew promozzjoni ma jistax jippromwovi rikors quddiem it-Tribunal.  Lanqas imkien ma nsibu li l-persuna aggravata minhabba nuqqas ta’ hatra jew promozzjoni trid tistitwixxi l-proceduri kontra l-Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku.  Li kieku l-legislatur ried hekk kien jghid dan - “Ubi lex voluit, dixit”.  Meta t-Tribunal jezamina talba dwar allegata ingustizzja relattiva ghal hatra jew promozzjoni ta’ impjegat governattiv, dan ma jkunx qieghed b’ebda mod jezamina jekk il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha mill-Kostituzzjoni.  Tant kemm hu hekk li dan it-Tribunal mhu sejjer qatt jazzarda jghid li xi hatra jew promozzjoni moghtija mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mhix valida.  Izda

dan ma jeskludix li bhala rizultat ta' tali hatra jew promozzjoni ma jistax ikun hemm minn ibaghti ingustizzja. Hu ghalhekk li dan it-Tribunal ghandu l-obbligu li jindaga dwar allegati ingustizzji.

Interessanti ukoll hu dak li jghid l-artikolu 5 (3) u cioe':

(3) (a) Dan l-Att ma japplikax ghall-persuni jew ghall-korpi li jinsabu elenkati fit-Taqsima A fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

Fl-Ewwel Skeda - Taqsima A ma hemmx imnizzla l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Din tissemma fl-artikolu 5 (3) (b) li taghmel referenza ghat-Taqsima B.

Ta' min josserva li meta fil-kaz ta' hatra jew promozzjoni t-Tribunal jilqa' talba u jistabbilixxi li saret ingustizzja, ir-rakkomandazzjoni ghall-implimentazzjoni tad-decizzjoni ma ssirx lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-artikolu 7 (11) jsemmi li jkun id-dmir tal-Prim Ministru li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal. Importanti wkoll hi li l-istess Kostituzzjoni fl-artikolu 110 (1) issemmi li s-setgha li jaghmel hatriet ghall-karigi ufficjali u li jnehhi… tkun fil-Prim Ministru, li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-artikolu 112 (1) tal-Kostituzzjoni jsemmi li:

"Is-setgha li jaghmel hatriet bi trasferiment lil u mill-karigi li ghalihom dan l-artikolu jghodd tkun fil-Prim Ministru li jagixxi wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku:"

Il-fatt li rikors jigi iswtitwit kontra kap ta' Dipartiment u f'dan il-kaz kontra it-Tabib Principali tal-Gvern mhux necesarjament tirrifletti b'mod ikrah fuqu jekk stess it-tribunal jaqbel mat-talba. Il-proceduri jigu istitwiti kontra tieghu a tenur ta' l-artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili li jirrikjedi li l-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Jista' jkun li veru dik l-ingustizzja tkun saret minn dak il-Kap, pero' facli li din ma tkunx saret

minnu personalment izda minn predecessur tieghu, minn xi Bord ta’ Ghazla, minn xi Ministru, minn xi subalterni tieghu, jew rizultat ta’ cirkostanzi eccezzjonali li fil-konfront ta’ individwu partikolari jistghu jammontaw ghal ingustizzja.

Illi ghalhekk jichad l-eccezzjoni ta’ l-intimat.”
Illi ghalhekk michuda dik l-eccezzjoni wiehed issa jrid jezamina l-mertu tal-kaz. Illi fuq dan l-aspett wiehed ghandu jsemmi li r-rikorrent kellu favur tieghu l-fatt illi kien Supervisor u li ghamel zmien twil f’din il-kariga. Fil-fatt ir-rikorrent isostni li ghamel 17-il sena u nofs f’din il-kariga izda effettivament wiehed irid jiftakar illi hu kien sar Supervisor fl-1981 u hu qieghed jilmenta minn promozzjoni li ma hax ghall-habta tal-1987 u cioe` meta kien ilu 6 snin biss f’dik il-kariga. Ilmenta wkoll minghajr ma ta dettalji dwar li baqa’ japplika sal-1993. Pero` f’kull kaz kien ikun ilu dejjem minn 1985 u ghalhekk l-iktar li kien ilu kien dejjem sa 8 snin f’dik il-kariga u mhux is-17-il sena u nofs li jsemmi fl-affidavit.

Gie ppruvat li kien jahdem b’certa dedikazzjoni u li kien jaghmel certu tip ta’ xoghol li kien jaghmel Works Technical Officer. Izda minn naha l-ohra jinghad illi biex dan it-Tribunal ikun jista’ jsib li saret ingustizzja, dan ma jistax jasal ghalih leggerment. Infatti r-rikorrent l-anqas biss identifika liema promozzjoni partikolari qed jirriferixxi ghaliha u f’ebda hin ma semma la n-numru tac-cirkolari u l-anqas id-dati ta’ liema cirkolari. Meta hu lmenta illi ma giex moghti l-promozzjoni ghall-Works Technical Officer ma harrek lil hadd mill-Bord ta’ l-ezaminaturi, l-anqas harrek lil xi hadd jew ipproduca xi dokument dwar il-lista ta’ dawk in-nies li saru u l-lista ta’ l-applikanti. Kien jinkombi fuq ir-rikorrent illi biex dan iwassal ghall-provi necessarji halli hu jkun jista’ jigi moghti l-promozzjoni illi hu jesebixxi listi ta’ persuni li applikaw, persuni li fil-fatt gew accettati, x’marki ghandhom, xi kwalifiki kellhom u x’seniority kellhom. It-Tribunal ma gie moghti xejn minn din l-informazzjoni dwar ebda wahda mill-allegati applikazzjonijiet li applika ghalihom ir-rikorrent. L-unika haga li hemm hija illi effettivament fl-affidavit tieghu r-rikorrent semma li kien qabzu wkoll certu Fredu Farrugia li

kien kien fi Group D, izda provi dwar dan ma hemm xejn iehor l-anqas xi kwalifiki seta’ kellu dan Fredu Farrugia.

Illi dan kollu certament ma jistax jammonta biex it-Tribunal jasal ghall-konkluzjoni illi effettivament saret ingustizzja meta r-rikorrent ma sarx. Jista’ jkun li saret, pero` provi ta’ dan ma gewx migjuba sal-grad necessarju biex it-Tribunal jasal ghal din il-konkluzjoni. Illi fic-cirkostanzi tal-kaz, ghalhekk it-Tribunal jilqa’ l-eccezzjoni ta’ l-intimat illi ma gietx pruvata li saret ingustizzja u jichad it-talba tar-rikorrent.

Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez bla taxxa.